

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Obbligi Ta' Manteniment](#) > [Ireland](#)

## Obbligi ta' manteniment

Irlanda



Irlanda

### SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

**Artikolu 71 1. (a) – Qrati għall-applikazzjoni għal dikarazzjoni ta' eżekutorjetà u qrati tal-appell kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet**

L-Imħallef tal-Qorti Superjuri (Master of the High Court) huwa kompetenti biex jisma' r-rikorsi għal dikjarazzjoni ta' eżegwibilità, u l-appelli minn deċiżjonijiet fuq tali rikorsi jiġu deċiżi mill-Qorti Superjuri (High Court).

Id-dettalji ta' kuntatt huma kif ġej:

Il-Qorti Superjuri (The High Court),

Inns Quay,

Dublin 7

Telefown: 00 353 1 888 6016

[HighCourtCentralOffice@courts.ie](mailto:HighCourtCentralOffice@courts.ie)

L-Imħallef tal-Qorti Superjuri (Master of the High Court),

Il-Qorti Superjuri (High Court),

Inns Quay,

Dublin 7

Telefown: 00 353 1 8886000

**Artikolu 71 1. (b) – Proċedura ta' rimedju**

Appell fuq punt ta' dritt quddiem il-Qorti tal-Appell (Court of Appeal) (ta' min jinnota, madankollu, li f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni Irlandiża, il-Qorti Suprema (Supreme Court) għandu jkollha ġuriżdiżjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' appelli minn deċiżjoni tal-Qorti Superjuri (High Court) jekk tkun sodisfatta li jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw appell dirett quddiemha. Il-Qorti Suprema (Supreme Court) għandu jkollha wkoll ġuriżdiżjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' appelli minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Court of Appeal) jekk tkun sodisfatta li ċerti kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kostituzzjoni jkunu sodisfatti.).

## Artikolu 71 1. (c) - Proċedura ta' reviżjoni

Rikors għal stħarriġ skont l-Artikolu 19 għandu jiġi ppreżentat quddiem il-qorti li tkun tat id-deċiżjoni. Il-proċedura tkun simili għal dik li tapplika fil-każ ta' Ordni Ewropea ta' Eżekuzzjoni.

Ir-Regoli Rilevanti tal-Qorti jinstabu fi

Il-Qrati Superjuri (Superior Courts) [ir-Regola 11 tal-Ordni 13\(168 Kb\)](#) , [ir-Regola 14 tal-Ordni 27\(168 Kb\)](#)

Il-Qorti taċ-Ċirkwit (Circuit Court) [l-Ordni 30\(168 Kb\)](#)

Il-Qorti Distrettwali [ir-Regola 3 tal-Ordni 45\(168 Kb\)](#)

## Artikolu 71 1. (d) - Awtoritajiet Ċentrali

Il-Ministru għall-Ġustizzja huwa deżinjat bħala l-Awtorità Ċentrali għall-Istat għall-iskopijiet tar-Regolament tal-Kunsill.

Tista' tikkuntattja l-Awtorità Ċentrali permezz tad-dettalji li ġejjin:

Department of Justice

7 Ely Place,

Dublin 2

Numru tat-telefown + 353 (1) 602 8202

email [mainrecov@justice.ie](mailto:mainrecov@justice.ie)

## Artikolu 71 1. (f) - Awtoritajiet kompetenti għall-eżekuzzjoni

Il-Ministru għall-Ġustizzja huwa deżinjat bħala l-Awtorità Ċentrali għall-Istat għall-iskopijiet tar-Regolament tal-Kunsill.

Tista' tikkuntattja l-Awtorità Ċentrali permezz tad-dettalji li ġejjin:

Department of Justice

7 Ely Place,

Dublin 2

Numru tat-telefown + 353 (1) 602 8202

email [mainrecov@justice.ie](mailto:mainrecov@justice.ie)

## Artikolu 71 1. (g) - Lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet ta' dokumenti

L-Irlandiż, l-Ingliż.

## Artikolu 71 1. (h) - Lingwi aċċettati mill-Awtoritajiet Ċentrali għall-komunikazzjoni ma' Awtoritajiet Ċentrali oħra

L-Irlandiż, l-Ingliż.

■ L-aħħar aġġornament: 03/12/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.